VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,614, 27 ta' Lulju, 2016
Taqsima B

A.L. 265 tal-2016

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni tal-2016 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet, il-President ta' Malta għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2016 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru. 5).

Art specifikata.

2. L-artijiet deskritti fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni huma b'dan speċifikati għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet.

Jum stabbilit.

3. Id-drittijet u responsabbiltajiet rigward l-artijiet speċifikati fl-artikolu 4 ta' din l-Ordni għandhom b'seħħ mit-12 ta' Lulju 2016 jitqiesu li bdew jitwettqu minn Malta Industrial Parks Limited (C 28965) kif previst fl-imsemmi artikolu 2 tal-Ordinanza.

Deskrizzjoni.

4. L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni tikkonsisti f'biċtejn art, inkluż kull bini, strutturi u baċir li hemm fuqhom, ġewwa l-Marsa li jidhru murija b'bordura ħamra fuq il-pjanta P.D.2008_397_1D u mmarkati bl-ittri 'A' u 'B' rispettivament, u dik il-pjanta ġiet transunta fl-Atti tan-Nutar Anthony Hili permezz ta' att pubbliku datat 13 ta' Lulju 2016.